



Brussell, 4 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12660/19

LIMITE

PECHE 415
CADREFIN 333
CODEC 1437

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0210(COD)**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (FEMS) - Approċċ Ġenerali Parzjali

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-13 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-proposta ġiet ippreżentata lill-Kunsill Agrikoltura u Sajd fit-18 ta' Ġunju 2018.
2. Il-proposta dwar il-FEMS trid titqies fil-kuntest tal-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021-2027 (QFP)¹ u tal-proposta tal-Kummissjoni li tistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-fondi orizzontali (RDK)².

¹ Proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 (COM(2018) 321 final); (COM(2018) 322 final); (COM(2018) 323 final); (COM(2018) 324 final).

² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi, COM/2018/375 final - 2018/0196 (COD).

3. Il-FEMS għandu fil-mira tiegħu l-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni biex tiġi appoġġata l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), il-politika marittima integrata tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali tal-UE fil-qasam tal-governanza tal-oċeani. Skont il-Komunikazzjoni dwar il-QFP, il-FEMS il-ġdid, bħal dak attwali, ser ikompli jikkostitwixxi strument importanti biex jappoġġa l-ilħuq tal-oġġettivi tal-PKS; b'mod partikolari, settur sostenibbli tas-sajd tal-UE u appoġġ għall-komunitajiet kostali li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd. Huwa ser ikompli wkoll ikun għodda utli fil-promozzjoni tal-ekonomija blu fis-sajd u l-akkwakultura u b'hekk jappoġġa t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, filwaqt li jħares l-ambjent tal-baħar.
4. Il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Komitat tar-Reġjuni taw l-opinjoni tagħhom fit-12 ta' Diċembru 2018 u fis-16 ta' Mejju 2018 rispettivament.
5. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-4 ta' April 2019³.
6. Il-Kunsill laħaq Approċċ Ġenerali parzjali fit-18 ta' Ġunju 2019⁴. Dan l-Approċċ Ġenerali parzjali ħalla barra l-aspetti kollha relatati mal-QFP (dispożizzjonijiet f'parentesi) u r-RDK (l-Artikoli 54, 55 u 56) kif ukoll l-Artikolu 52 dwar atti delegati u indikaturi tar-riżultati (l-Artikoli 37, 48 u Anness I).
7. Fil-11 ta' Lulju 2019, il-Presidenza ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna tas-Sajd linji ssuġġeriti għal kompromess tal-Presidenza dwar l-allinjament mar-RDK, l-indikaturi tar-riżultati u l-atti delegati.
8. Dan il-kompromess ġie eżaminat fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna tas-Sajd. Abbażi tad-diskussjonijiet kif ukoll tal-kummenti bil-miktub mibgħuta mid-delegazzjonijiet⁵, ġew eżaminati diversi kompromessi riveduti tal-Presidenza⁶ fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna tas-Sajd fil-laqgħat tiegħu tas-17 ta' Lulju 2019, it-12 ta' Settembru 2019, is-26 ta' Settembru 2019 u t-3 ta' Ottubru 2019. Il-kompromess finali tal-Presidenza rċieva appoġġ ġenerali fil-Grupp ta' Ħidma tat-3 ta' Ottubru 2019.

³ Rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, PE 625.439v03-00, A8-0176/2019.

⁴ dok. 10297/19 ADD 1.

⁵ WK 8213/2019 ADD 1-14, WK 8478/2019 ADD 1-11, WK 9418 ADD 1-6.

⁶ WK 8478/2019, WK 9418/2019, WK 10216/2019,.

II. IL-KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA GĦAL XI KWISTJONIJIET PENDENTI GĦAL APPROĊĊ ĠENERALI PARZJALI⁷

9. Is-suġġetti ewlenin tal-kompromess tal-Presidenza jikkonċernaw il-punti li ġejjin:

a) Il-limitu massimu tal-pakkett finanzjarju li jista' jintuża mill-Kummissjoni għall-assistenza teknika (l-Artikolu 8(2)):

Il-Kummissjoni pproponiet limitu massimu ta' 1.7 %. Il-Presidenza, filwaqt li tiegħu kont li għadd kbir ta' delegazzjonijiet qiesu li dan il-limitu massimu mhux aċċettabbli, tipproponi limitu massimu ta' 1.25 %. Il-kompromess tal-Presidenza għandu l-appoġġ ta' għadd kbir ta' delegazzjonijiet. Madankollu, diversi delegazzjonijiet jippreferu li l-limitu massimu jinżamm għal massimu ta' 1.1 %.

b) Atti delegati u ta' implimentazzjoni (l-Artikolu 37):

Il-Kummissjoni pproponiet att delegat biex jirrieżamina jew jikkomplementa l-indikaturi tal-Anness I u biex jistabbilixxi qafas għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Il-Presidenza tipproponi setgħat limitati sew li jippermettu lill-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw id-data li l-awtorità ta' ġestjoni għandha tagħti lill-Kummissjoni u tadotta atti delegati biex jissupplimentaw l-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenija. Il-kompromess tal-Presidenza rċieva appoġġ ġenerali mill-Grupp ta' Ħidma.

c) L-indikaturi (l-Anness I):

Il-kompromess tal-Presidenza tinkludi xi modifiki għall-proposta tal-Kummissjoni biex jittieħed kont ta' xi talbiet ta' maġġoranza tad-delegazzjonijiet. Il-kompromess tal-Presidenza ġabar appoġġ ġenerali mid-delegazzjonijiet.

10. Kwistjonijiet oħra tal-kompromess tal-Presidenza jikkonċernaw it-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' ġestjoni kif ukoll allinjament tal-iskedi ta' żmien għall-evalwazzjonijiet retrospettivi u ta' nofs it-terminu mal-iskedi ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 40 tar-RDK.

⁷ L-Artikoli 8, 37, 37 ġdid, 48, 48 ġdid, 52, 54-56 u l-Anness I.

III. KONKLUŻJONIJIET

11. Il-COREPER huwa mistieden:

- japprova l-kompromess tal-Presidenza għal Approċċ Ġenerali parzjali dwar il-FEMS rigward l-Artikoli 8, 37, 37 ġdid, 48, 48 ġdid, 52, 54-56 u l-Anness I, kif jinsab fl-ADD 1 għal din in-nota; u
- jistieden lill-Kunsill jaqbel dwar dan l-Approċċ Ġenerali parzjali rigward dawn id-dispożizzjonijiet sabiex jiġi kkompletat l-Approċċ Ġenerali parzjali li ntlaħaq qbil dwaru f'Ġunju 2019.